**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 324 / 2019**

**Il-Pulizja**

**Spettur Chris Pullicino**

**Spettur James Grech**

**Vs**

**Kurt Amato**

Illum 9 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Kurt Amato detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 44797M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar is-23 ta' Settembru, 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

Talli nhar it-23 ta' Settembru 2013 xi hin wara nofs in nhar gewwa l-lokalita ta' Tas-Sliema ikkomettew serq ta' camera tar-ritratti tad-ditta Nikon liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u sar ghad dannu ta' persuna/i mhux maghrufa;

U aktar talli nhar it-23 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 15:15 hrs gewwa l-lokalita' ta' Tas-Sliema ikkomettew serq ta' basket minn hdejn il-bahar kontenenti diversi affarijiet fosthom nuccalijiet tal-vista, cards u cwievet liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha, u tletin centezmu (€2,329.37) u sar ghad dannu ta' Tadeusz Lisiakiewigz ta' nazzjonalita' Irlandiza u/jew persuna/i ohra;

Lil Kurt Amato, Omissis u Omissis 2 wahidhom akkuzati wkoll:

Talli nhar it-23 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 16:00 hrs gewwa l-lokalita' ta' tas-Sliema ikkonmettew serq ta' basket minn hdejn il-bahar kontenenti diversi affarijiet fosthom cavetta elettronika tal-vettura, flus kontanti, diversi dokumenti, credit cards u nuccali liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin cenezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u sar ghad dannu ta' Natasha Bugeja ta' nazzjonalita Maltija u/jew persuna/i ohra;

Lil Kurt Amato, Omissis 1 u Omissis 2 wahidhom akkuzati wkoll:

Talli nhar il-11 t' Awissu 2013 ghall-habta ta' 12:00 hrs gewwa l-lokalita' ta' Tas-Sliema ikkomettew serq ta' basket minn hdejn il-bahar kontenenti diversi affarijiet fosthom hwejjeg, apparat tal-computer u flus kontanti liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u sar ghad dannu ta' Jovan Rodriguez ta' nazzjonalita' Franciza u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli nhar il-11 t' Awissu 2013 ghall-habta ta' 13:30 hrs gewwa l-lokalita, ta' Tas-Sliema ikkomettew serq ta' basket minn hdejn il-bahar kontenenti diversi

affarijiet fosthom hwejjeg, charger tal-Apple Iphone u flus, kontanti liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika u sar ghad dannu ta' Sophie Widmer ta' nazzjonalita' Svediza u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli nhar l-1 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 12:30 hrs gewwa l-lokalita' ta' Tas-Sliema ikkomettew serq ta' basket minn hdejn il-bahar kontenenti diversi affarijiet fosthom flus kontanti u passport liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika u sar ghad-dannu ta' Marisa Calleja ta' nazzjonalita' Maltija u/jew persuna/i ohra;

Lil Omissis u Kurt Amato akkuzati wkoll;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru il-provedimenti tal-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 3 ta' Settembru 2013 fejn huma kienu gew misjuba hatja ta' reat u lliberati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin u 100 siegha ta' xoghol fil-komunita kull wiehed;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 18, 261(a), 261(c), 262(1)(b), 267, 277(a), 279(a), 280(2) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-31 ta' Lulju, 2017, fejn il-Qorti filwaqt li fil-konfront ta' Kurt Amato astjenit

milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni li kiser l-ordni ta' probation impost fuqu billi huwa diga' gie trattat ghal tali ksur permezz ta' sentenza tal-25 ta' Mejju 2015, wara li rat l-artikoli 18, 37, 261(a), 261(c), 262(1)(b), 267, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom. Inkwantu ghal Kurt Amato bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-istess Kurt Amato taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni indikata fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu tal-Ordni tal Probation.

Ordnat notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Rona Custo ipprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2017 li bih ghamlet denunzja ia termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Kurt Amato u fejn infurmat lil Qorti bis-segwenti:

*'1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Uffiċjal tal-Probation ta' Kurt Amato detentur tal-karta tal-identita' 44797(M) u residenti fil-fond binja tal-Mensija, Ent D, Flt 3, Triq l-24 ta' Ġunju, San Gwann;*
*2. Illi Kurt Amato qiegħed jonqos milli jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi mogħtija lilu;*
*3. Illi Kurt Amato għandu l-vizzju tal-logħob tal-ażżard u qiegħed jonqos li jżomm mal-pjan ta' kura mfassal għalih rigward din il-problema;*
*4. Illi Kurt Amato fis-7 ta' Novembru, 2017 ammetta li għamel użu mill-kannabis iżda minħabba li naqas li jissottometti ruħu għal testijiet tal-urina matul din l-Ordni ta' Probation ma kienx possibbli jiġi eskluż l-użu ta' sustanzi illeċiti oħra;*

*5. Illi minħabba li l-imsemmi naqas milli jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation mhux qed ikun possibbli li ssir is-superviżjoni neċessarja li hi parti integrali mill-Ordni tal-Probation.'*

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 18, 37, 261(a), 261(c), 262(1)(b), 267, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, trattat ma' Kurt Amato ghar-reati li taghhom instab hati fil-31 ta' Lulju 2017 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, ikkundannatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija.

Inoltre' ordnat notifika ghal darb ohra ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-appellant Kurt Amato minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata, b'dan li filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn id-denunzjat instab hati talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation tal-31 ta' Lulju 2017, tirriforma s-sentenza in kwantu piena, u minflok tinghata piena aktar miti, ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jinghad preliminarjament, u a skans ta' kull ekwivoku illi l-esponenti ma huwiex qed jappella mid-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Novembru 2019 f'dik il-

parti tagħha in kwantu sabet illi l-esponenti kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation. L-esponenti però qed jintavola dan l-appell għaliex umilment jikkontendi li l-piena li giet imposta kellha tkun waħda aktar miti għar-ragunijiet li ser jitressqu l-quddiem f'dan l-umili appell, u kwindi l-aggravju tiegħu huwa limitat dwar il-piena.

Illi magħmulha din il-kjarifika l-esponenti umilment jibda' dan l-aggravju tiegħu billi mingħajr ma b'xi mod jipprova jpingi abjad dak li huwa abjad jew vice versa, jew igib fix-xejn in-nuqqasijiet tiegħu, jippuntwalizza bir-rispett però, li kif del resto kkonfermat il-Qorti tal-Magistrati fid-decide tagħha, in-nuqqas tal-esponenti li wassal għal kaz in kwistjoni jinkwadra taħt l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar ksur tal-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation, u ma jinkwadrax taħt l-artiklu 23 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta li jitratta sejbien ta' ħtija oħra matul il-perjodu tal-Probation.

Jigi rilevat li din id-distinzjoni qegħda issir mhux biex l-esponenti jipprova jinħeba wara subgħajh, izda biss biex jippuntwalizza distinzjoni li anke l-legislatur kien għaraf li għandu jiddistingwi tant li z-zewgt sitwazzjonijiet huma trattati f'artikoli differenti tal-ligi, u jgibu magħhom effetti differenti.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa applikabbli għall-kaz odjern jistipola li:

> *"(2) Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-*

*ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat."*

Dan l-istess artikoli juri bir-rispett kif il-legislatur f'dan il-kaz kien qieghed jikkontempla sitwazzjoni fejn, nonostante li l-denunzjat jikser xi ordni tal-probation, tali denunzjat xorta wahda jkollu c-cans li jinghata ammenda ta' €232.94 bhal piena minflok karcerazzjoni effettiva.[1]

Dan kollu juru allura kif il-legislatur ma kienx lest li jillimita u jirristringi c-cans ta' riabilitazzjoni ta' persuna li tikser ordni ta' probation, u huwa f'dan l-isfond li l-esponenti qed iressaq dan l-arrgavju tieghu.

L-esponenti jifhem u japprezza li l-Ewwel Qorti tat cans lill-esponenti billi ma ddecidietx d-denunzja mill-ewwel, u jifhem ukoll illi jidher li l-isforzi li ghamel matul dan iz-zmien kollu kienu zghar wisq u forsi xi ftit tardivi.

Madanakollu, l-esponenti izid bl-ikbar umiltà li filwaqt li jista' jkun li dan huwa kaz fejn l-appellanti innifsu induna tard wisq bil-problemi li huwa kellu, huwa umilment jissottometti però li una volta li gie konsapevoli tal-problemi li ghandu u ghamel progress ghalkemm zghir, huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunità li johrog mill-vizzji li huwa mahkum minnhom, u jinghata piena li tghin fir-riabilitazzjoni tieghu minflok piena karcerarja. Illi l-esponenti ma huwiex jipprova jallega li f'daqqa mill-lejl ghan-nar huwa biddel hajtu, però qed jiddikjara li fl-ahhar huwa ma ghadux *in denial* u gharaf Ii ghandu l-problemi u li jrid jindirrizhom serjament, u konsegwentament ghandu jkun temperament fil-piena li taghti l-ahhar cans lill-esponenti.

---

[1] Ghalkemm, ovvjament, b'lealtà lejn il-Qorti jidher car ukoll illi l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni u bl-ebda mod ma hija prekluza legalment milli timponi piena karcerarja effettiva.

Illi in sostenn tal-premess, infatti l-esponenti b'responsabilità illimita dan l-umili appell tieghu ghall-piena, u bl-ebda mod ma huwa qed jikkontesta l-mertu tad-denunzja ghaliex jaf u jaghraf li zbalja u li ghandu problema ta' vizzju li jrid jindirizza qabel ma jkun tard wisq. Izid però illi l-fatt li llum gharaf li zbalja u li tilef opportunità, huwa digà pass ta' ggant il-quddiem ghaliex issa lest li jibda jistinka biex johrog mill-vizzji minn jeddu, u mhux semplicement ghax hekk ordnat mill-Qorti.

Illi fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jirrileva li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunità b'dan li l-piena moghtija ghandha tkun wahda mhux ta' prigunerija effettiva, izda piena ohra li tkompli tghin lill-esponenti una volta li jidher li ghalkemm forsi tard, l-esponenti qed jiehu inizzjattiva hu stess biex jghin lilu nnifsu jeghleb il-vizzji.

Illi in sostenn ta' dan l-umili aggravju tieghu dwar il-piena l-esponenti jaghmel umili referenza ghall-fatt illi filwaqt li bniedem li instab hati ta' reat ghandu ihallas ta' ghemilu, dan kollu ghandu jsir b'bilanc ukoll lejn ir-riabilitazzjoni tal-hati.

L-esponenti, jerga' umilment jissottometti illi huwa ma huwiex qieghed iressaq dan l-aggravju sabiex b'xi mod jipprova jiggustifika kwanlunkwe ksur ta' ligi, madanakollu, però, bl-umiltà kollha jissottometti, illi ghalkemm huwa naqas milli jottempra ruhu mal-ordni tal-probation, u l-isforzi li ghamel ricentament ma jidhirx li kienu bizzejjed ghall-Ewwel Onorabbli Qorti biex tikkunsidra piena ohra mhux karcerarja, mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li l-esponenti huwa "*beyond redemption*". Huwa jemmen illi specjalment wara l-isforsi zghar u l-fatt li issa minn jeddu jaf u jixtieq illi jrid jehles mill-vizzji li hakmuh, huwa ma huwiex il-kandidat li f'kaz ta' htija ghandu bil-fors u awtomatikament jinghata piena karcerarja effettiva.

Fl-umili fehma tieghu, l-esponenti jissottometti illi f'kaz ta' htija huwa ghandu jinghata sentenza li filwaqt illi tissalvagwardja s-socjetà u tagixxi bhala deterrent, mill-banda l-ohra tghin fir-riforma tal-imputat. Huwa biss jekk l-imputat jigi riformat, u moghti l-ghajnuna li eventwalment jitnaqqas drastikament ic-cans ta' recidività, b'dan li jinghata cans sabiex filwaqt illi jirriforma lilu nniffsu, jaghti u jpatti lura lis-socjetà, anke jekk ikun il-kaz b'xoghol fil-komunità.

Illi jinghad bir-rispett illi nonostante li xi kultant wiehed jista' jdum xi ftit biex jerga' jidritta ruhu, u jimxi fit-triq it-tajba, meta persuna fl-ahhar turi li tixtieq taghmel tentattivi serji biex tirriforma ruha hija ghandha tigi moghtija opportunità biex taghmel dan. In *poche parole* l-appellanti jissottometti illi jekk tkun infethet tieqa ta' opportunità ghal riforma ghaliex fl-ahhar gie konxju u accetta li ghandu problema, mhux ta' min jaghlaq dik it-tieqa billi l-appellanti jintbaghat il-habs.[2]

Dan specjalment tenut kont tal-fatt li l-esponenti ghalkemm ufficjalment adult, huwa zaghzugh, u meta gew kommessi r-reati li ghalihom huwa kien inghata l-ordni ta' probation huwa kien ghad kellu biss 16-il sena. Dan mhux qed jinghad biex dak li jkun jimminimizza l-gravità tar-reati izda biss in sostenn tal-argument li jekk hemm xaqq ta' dawl ghal riabilitazzjoni dan ic-cans ghandu jigi kkultivat, bit-tama li l-appellanti j'din l-eta' zaghzugha jitbieghed darba ghal dejjem mill-problemi u jkun investiment ghal tul il-hajja kollha li fadallu.

Illi b'rabta ma' dan l-aggravju dwar il-piena, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghal numru ta' sentenzi tal-appell fejn il-Qrati biddlu pieni ta' habs effettiv ghal pieni ohra, jew irriducew il-piena, jew inkella fejn Qorti tal-Magistrati ma imponietx

---

[2] ***Il-Pulizija vs Ritmar Hatterly et.***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Ottubru 2008. Vide wkoll ***il-Pulizija vs Glenn Neil Scicluna et.,*** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti biddlet sentenza ta' habs effettiv ghal sentenza ta' prigunerija sospiza wara li rriteniet li: *"Din il-Qorti taghmilha cara illi ma tantx ghandha simpatiji ma' persuni illi ikkommettew reati minhabba "a warped sense of priorities" bhalma urew manifestament l-appellanti. Din il-Qorti però mhiex sejra twarrab il-konkluzjonijiet tal-probation officer aktar u aktar meta jidher illi l-appellanti irrealizzaw l-izball taghhom, hemm stabilità f'hajjithom u mhumiex aktar ta' theddida ghas-socjetà."*

piena ta' prigunerija propju ghaliex taw l-opportunità lill-appellanti li jirriforma ruhu wara li raw rizultati pozittivi. Illi ftit minn dawn is-sentenzi kienu:

- ✓ **Il-Pulizija vs Dennis Portelli et.** deciza mill-Qorti tal-Appell 26/11/09;
- ✓ **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14/09/10;
- ✓ **Il-Pulizija vs George Farrugia**, deciza fil-Qorti tal-Appell nhar it-18/01/01
- ✓ **Il-Pulizija vs Grezzju sive Horace Cassar** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/08/02, fejn hanwhekk il-Qorti anke ghamlet referenza ghal gurisprudenza ohra u dottrina dwar l-iskop tal-piena;
- ✓ **Il-Pulizija vs John Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25/04/06;
- ✓ **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina,** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/11/08;
- ✓ **Il-Pulizija vs Eusebio Busuttil**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar 27/03/2012, fejn l-imputazzjonijiet kienu dwar ricetazzjoni, u l-imputat kien recidiv wara li kien inghata zewgt sentenzi ta' habs effettiv, u nonostante ciò, il-Qorti ma imponietx sentenza ta' habs effettiv izda minflok ordnatlu li jaghmel xoghol fil-komunità;
- ✓ **Il-Pulizija vs Bushra Triganza,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru 2014;

Fid-decizzjoni tal-Ewwel Qorti gie ritenut li l-isforzi ma kienux notevoli bizzejjed biex il-Qorti taghtih cans iehor, madanakollu, huwa qieghed jitlob minn issa bir-rispett illi in sostenn ta' dan l-aggravju tal-piena, jitilghu jixhdu r-rapprezentanti tal-ghaqdiet u l-agenziji li maghhom ser ikun qieghed jahdem minn jeddu sabiex jeghleb il-vizzji sabiex dawn ikunu jistghu jikkonfermaw l-progress o meno tal-appellanti.

L-esponenti konvint illi jekk, u una volta, jigi awtorizzat illi jressaq tali rapprezentanti professjonisti sabiex jixhdu dwar l-andament tal-esponenti pendenti

l-mori tal-appell, dawn ser ikunu qed jikkonfermaw li l-andament huwa wiehed li jimmerita l-ahhar cans.

Illi fl-ahhar lok, u b'mod partikolari minhabba li jidher li l-ikbar problema hija dik tad-droga, l-esponenti jaghmel ukoll umili referenza ghall-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jidher bic-car li l-legislatur ghamel enfazi fuq il-fatt li kull min ghandu problema tad-droga ghandu jinghata c-cans li jirriabilita ruhu. Illi din l-osservazzjoni ghandha tapplika iktar u iktar fil-kaz odjern, fejn dak li wassal ghall-kaz odjern ma huwiex kundanna ta' reat iehor waqt il-perjodu tal-probation, izda nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-istess ordni tal-probation – liema nuqqas ta' osservana huwa primarjament minhabba li l-esponenti kien mahkum mill-vizzju tad-droga.

Illi c-cans li persuna ghandha tinghata biex tirriabilità ruhha kien wiehed mill-ghanijiet principali li ssemmew meta kien qed jigi diskuss l-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar id-Dipendenza tad-Droga (Trattament mhux prigunerija). In konnessjoni mal-premess intqal li:

> *"La tidħol fis-seħħ din il-liġi se nkunu qegħdin hemmhekk biex ngħinu lil dawk il-persuni li jridu joħorġu mill-vizzju u se nibqgħu nkunu paċenzjużi magħhom anke jekk l-ewwel darba jgħidulek le jew jipprovaw imma jiżolqu. Irridu nibqgħu ngħinuhom sakemm joħorġu mill-vizzju."* [3]
>
> *"Fl-aħħar snin sibna ruħna konvinti aktar minn qatt qabel li rridu nħarsu lejn il-persuna li tabbuża mid-drogi bħala bniedem bi problemi aktar milli bħala kriminal. Jiġifieri rridu nħarsu lejh bħala persuna li għandha bżonn l-għajnuna tagħna qabel il-kastig, persuna li għandha bżonn tiġi riabilitata u*

[3] It-Tnax-il Parlament, Seduta Nru 220, It-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2014. Sottolinear tal-esponenti.

*rijintegrata fis-soċjetà aktar milli priġunerija u seklużjoni u allura esklużjoni soċjali."* [4]

In oltre fil-*White Paper* intitolata – *Riforma tal-Ligijiet dwar id-Drogi tal-Abbuz*[5] jidher ukoll car li gie accetat li l-uzu personali tad-droga hija problema ta' sahha u problema socjali u mhux biss problema kriminali u kwindi ghal darb'ohra terga' tohrog l-enfazi fuq ir-riabilitazzjoni izjed mill-inkarcerazzjoni. L-istess *White Paper* infatti tistipola li:

> *"Il-Gvern jemmen li m'għandniex nibqgħu nħarsu lejn l-użu personali ta' drogi tal-abbuż unikament bħala reat u minflok inħarsu lejn l-użu ta' drogi tal-abbuż bħala xi ħaġa li tista' twassal għall-addiction u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata bħala problema tas-saħħa. M'għandniex nibqgħu nikkastigaw nies dipendenti fuq id-drogi. Minflok għandna ngħinuhom biex nassiguraw li jkollhom aktar aċċess għal trattament li jkun ibbażat fuq evidence-based treatment tad-droga.*
>
> *Diġa' saru stqarrijiet importanti f'dan is-sens mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u din hija ħaġa pożittiva mmens. Dan l-approċċ ikun ifisser tnaqqis fl-inkarċerazzjoni u żvilupp ta' mekkaniżmi alternattivi biex jittrattaw ma' ħabsin li jabbużaw mid-droga. Dan l-approċċ wara kollox huwa appoġġjat mill-konvenzjonijiet tad-droga tal-Ġnus Magħquda, b'mod partikolari mill-UN Standard Minimum Rules for Non-custodial Measures (the Tokyo Rules), u aktar reċentement mill-International Narcotics Control Board (INCB), li enfasizzaw il-prinċipju ta' proporzjonalità li għandha tiġi applikata għal reati ta' pussess personali, ix-xiri, il-kultivazzjoni u l-użu "bħala alternattiva sħiħa għall-kundanna u l-kastig" għal dawn it-tipi ta' reati.[6]"*

---

[4] It-Tnax-il Parlament, Seduta Nru 222, It-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014. Sottolinear tal-esponenti.
[5] Lulju 2014 - https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MJCL/Pages/Consultations/drugdecriminalisation.aspx
[6] Pagna 11

Ovvjament l-esponenti ma huwiex qed jislet il-premess, biex jiskuza jew jiggustifika l-vizzju tieghu u l-konsegwenti ksur tal-ordni tal-Probation, izda qieghed jargumenta bir-rispett li anke l-premess ghandu jimmilita favur piena iktar miti ghaliex: fl-ewwel lok, jidher car li jekk bniedem ghandu vizzju tad-droga, il-habs ma huwiex necessarjament, anzi hafna drabi ma huwiex, l-ambjent gust li fih wiehed jeghleb il-vizzju; u fit-tieni lok, li jekk ikun hemm xaqq ta' dawl li juri xewqa genwina, ghalkemm forsi tardiva, ta' riabilitazzjoni, ikun fl-interess mhux biss tal-persuna vizzjata, izda wkoll tas-socjetà in generali li tali xaqq ta' dawl ma jigix mitfi ghaliex persuna riabilitata fis-socjetà ifisser kaz inqas ta' recidività.

Illi konsegwentament, una volta li l-ligi stess fl-artikolu 21 tal-Kap 446 ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' piena ohra li ma hijiex karcerazzjoni effettiva, l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fid-dawl ta' dak li ser jigi muri matul is-smigh tal-appell, huwa ghandu jinghata piena iktar miti.

Rat ix-xhieda moghtija fl-atti partikolarment dik dwr l-imgieba tal-appellant.

**Rona Custo**, l-Ufficjal tal-Probation xehdet f'diversi seduti wara li ntavolat ir-rikors tad-denunzja. Fix-xhieda taghha, tad- 9 ta' Mejju 2018 spjegat li d-denunzja kienet principarjament minhabba nuqqas ta' attendenza ta' Kurt Amato, fejn meta kien qed jattendi kienet identifikata ukoll problema ta' vizzju tal-loghob tal-azzard. Spjegat li wara li saret id-denunzja kien hemm progress f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kuntatt ma' sedqa, kien qal li ma ghadx ghandu dan il-vizzju u ma xtaqx li jattendi aktar appuntamenti maghhom. Tghid li s-sezzjonijiet ikunu pjuttost qosra ghax twasslu ommu u tkun qed tistennieh isfel. Jghid li ma jkunx jista jhalli kampjun tal-urina u ghalhekk ilhom aktar minn sena ma jittiehed kampjun. Xehdet li ma tistax tghid li ma kienx hemm progress, li gieli ccempel ommu u gieli hu. Jinkwettaha l-fatt li ma

jaghtix *urine* u minkejja li jghid li ma ghadx ghandu l-vizzju tal-loghob tal-azzard, ma tantx kellhom cans jesploraw din il-haga. Tghid li jhoss li l-probation hija xkiel ghalih. Issugeriet li jibda jattendi sessions li jkunu fit-tul u mhux dejjem bil-genn u li jaghti kampjuni tal-urina biex isiru t-testijiet. Mistoqsija jekk jahdimx, qalet li jahdem ghalkemm ma tafx jekk 'bil-ktieb' ghax skont ir-records tal-ETC tghid li mhux jidher. Taf li jixtieq ibiddel xoghol ghax mhux jahdem ta' spiss jigifieri bhala xoghol tghid li ma hemmx problema, li dejjem hadem. Il-probema hi n-nuqqas ta' responsabbilta' li ghalih xejn mhu xejn, li l-omm minkejja l-intenzjoni tajba qisu tirrinforza dan it-tip ta' attagjament.

Fil- 11 ta' Lulju 2018 regghet xehdet l-**Ufficjal tal-Probation Rona Custo** fejn spjegat li mill-ahhar seduta Kurt attenda appuntament fit- 22 ta' Mejju u iehor fit- 8 ta' Gunju. Kienet sezzjoni tajba hafna, tkelmu fit-tul u anke fuq il-bzonn li jkun aktar indipendenti, forsi jgemma xi haga tal-flus, jitghallem il-karozza. Spjegat li ppospona l-appuntament tal- 21 ta' Gunju u ma attendiex l-appuntament tal-24 ta' Gunju u ma attendiex l-appuntament tat- 28 ta' Gunju. Ippruvat taghmel kuntatt mieghu l-gimgha l-ohra pero' ma rrispondihiex. Testijiet ma sarux ghax meta attenda ma kienx hemm in-nurse *available,* ma rrifjutax hu. Bhala appuntamenti meta ppospona, kien hu li cempel, ma ghadietx iccempillu ommu. Ikkonfermat li ghamlu progress u kkonfermat li jahdem u li ghandu xoghol gdid u li qalilha li r-raguni tal-posponiment kienet marbuta max-xoghol izda kellu appuntament iehor fit-28 ta' Gunju u ma marx u ma semghetx minghandu, pruvat iccempillu ma rrispondiex. Qalet li seta gara kien li ghamlu zmien bid-direttiva fejn ma kienux jirrispondu t-telefon pero hi stess pruvat iccempilu fuq il-mobile tieghu u ma rrispondihiex. Qalet li potenzjal f'Kurt dejjem hemm. Li huwa zghira, dejjem hadem, problema ta' droga ghalkemm gieli kien hemm ma kinitx kostanti. Tghid li l-problema tal-loghob tal-azzard jidher li hija sorvolata xi ftit. Qalilha li jilghab xi ftit pero mhux li jonfoq il-paga kollha u anke jissellef il-flus minghand ommu. Tghid li kien hemm progress u anke potenzjal. Tixtieq li jzomm naqra aktar kuntatt regolari.

L-Ufficjal tal-**Probation Rona Custo** regghet xehdet fil- 15 ta' Ottubru 2018 fejn spjegat li mill-ahhar seduta kellu seba' (7) appuntamenti u minn dawn attenda tnejn (2). L-attitudni hija pjuttost ahjar, meta ma jkunx jista' jigi, jcempel hu u mhux ommu u jiskuza ruhu b'xi mod. L-attendenza mhijiex kif mixtieqa ghax falla hamsa (5). Fil-urine test li ttiehed fit-tlettax (13) ta' Settemnbru rrizulta pozittiv ghal kannabis. Tghid li ammetta li ghadu qed jaghmel uzu minn din is-sustanza kif ukoll li hemm problema tal-loghob tal-azzard li hija pjuttost akkuta. Li ilu jaf li ghandu din il-problema u minkejja li qed jigi suggerit li jaghmel kuntatt mas-Sedqa sabiex jindirizza din il-problema, qalilha li ser imur pero' ma marx. Ippruvat tesplora l-possibilita' li forsi jaghmlu l-karta biex ma jkunx jista' jidhol fi stabbiliment tal-loghob tal-azzard, tghid li qisu beda jahsibha pero' mbaghad qalilha li ma jixtieqx jaghmilha lanqas. Mhux dejjem ta' raguni ghala falla l-appuntamenti, kien hemm zmien ma setghetx taghmel kuntatt mieghu u kellha tibghatlu ittra d-dar, kienet icempillu u ma jirrispondiex jew jkun maqtuh. Tilef ix-xoghol u kellu problema minhabba li tilef xi flus fil-loghob, ammont pjuttost sostanzjali. Dan l-ahhar beda xoghol gdid jigifieri falla xi appuntamenti minhabba dan ix-xoghol pero' mhux dejjem ta' raguni ghal xiex. Issugeriet li importanti hafna li jaghmel kuntatt mas-sedqa minhabba l-problema tal-kannabis imma iktar u iktar minhabba l-problema tal-loghob ghaliex jghaddi minn perjodi fejn vera jkun sejjer tajjeb ma jilghabx, pero' fuq ammissjoni tieghu stess minhabba li ma johrogx. Umbghad jigi zmien li jkollu xi flus li jkun gemmahom u jilghab kollox u jitlef kollox. F'dak iz-zmien fejn ikun ghaddej minn zmien hazin, tghid li jaqa' qisu f'*depression* ma jkunx irid johrog, johodha hazin hafna minhabba li jitlef il-flus. Tghid li ghandu bzonn jindirizza din il-problema.

L-**Ufficjal tal-Probation Rona Custo** regghet xehdet fis-seduta tal-25 ta' Frar 2019 fejn spjegat li mill-ahhar xhieda taghha f'Ottubru kienet infurmata li kien gie arrestat fuq kaz gdid mill- 24 ta' Ottubru sas- 7 ta' Novembru, fejn f'dak iz-zmien ma kinitx

infurmata mll-familja jew minghandu u ma kienx hemm kuntatt mieghu. Ghamlet zmien kienet bil-*long leave* u l-kaz ghadda ghand kollega taghha Marylyn Formosa pero' hu ma attendiex ghal tlett (3) appuntamenti li nghatawlu minn naha taghha. Fis- 26 ta' Novembru sal-21 ta' Jannar 2019 kienu ghaddejin bl-azzjonijiet industrijali jigifieri ma setghax jaghmel kuntatt ma' Kurt pero' ghamlet zjara ghal gharrieda fir-residenza tieghu f'San Gwann fil- 11 ta' Jannar pero ma kien hemm hadd. Fis-16 ta' Jannar kellhom l-Qorti izda ma kienx atttenda ghax kien ma jiflahx. Spjegat li attenda appuntament maghha fit- 23 ta' Jannar umbaghad falla appuntament fit- 30 ta' Jannar. Fl- 4 ta' Frar attenda pero' kellu jigi f'xi l-ghaxra (10:00) u beda jghidilha li kien mghaggel ghaliex fl-ghaxra (10:00) kien xoghol. Staqsietu ghalxiex ma giex kmieni pero' ma tahiex risposta. Huwa ma attendiex l-appuntament tal- 15 ta' Frar u cemplulha wkoll mis-Sedqa li falla appuntament maghhom fl- 14 ta' Frar. Spjegat li qabel kienet ghamlet referral is-Sedqa minhabba problema ta' *gambling* pero ma kienx attenda, kienet regghet batitlu fi zmien Novembru u kien mar hu, kien ghamel kuntatt maghhom. Il-kaz rega gie riferut f'Jannar, ghamlu appuntament mieghu fl-14 ta' Frar pero' ma attendiex. Cemplulha ghaliex ma kienx hemm kuntatt mieghu u li minn naha taghhom ser jaghlqu l-kaz. Spjegat li appuntamenti minn Ottubru attenda darba biss u darba ohra gie tard. Kellu appuntament fil-hdax (11:00) u gie fl-ghaxra (10:00), qal li kien mghaggel ghax-xoghol u qaltu ma tistax. Beda jghid li mhux qed jaghmel uzu ta' kannabis pero' dakinhar ma kellhomx l-infermiera u ma setghux jiehdu *urine*. Qalilha li sab xoghol gdid u kellu anke xoghol iehor. Spjegat li meta jkun hemm jitkellem, pero' meta jigi ghas-si u n-no qisu ma hemmx motivazzjoni biex jaghmel xi haga fuq il-problema tieghu u fuq il-*lifestyle* li jghix. Xoghol qatt ma kellha problema. Tghid li l-attitudni tieghu li jghix barra mill-*means* tieghu. Kemm il-darba tkellmu fuq il-fatt li l-paga tieghu ma sserviex, jonfoqha kollha *gambling,* irid jghix tip ta' *lifestyle above his means*. Tghid li hemm hafna affarijiet li jridu jigu indirizzati. Xehdet ukoll li kienet spjegatlu li hemm bzonn li jaghmlu test tal-urina u kien sar appuntament meta kien hemm l-infermiera *available* pero' hu ma giex u minn dakinhar hu ma cempilx u lanqas hi ma ghamlet kuntatt. Dan kien fil- 15 ta' Frar. Hu ma cempilx minn dakinhar u hi ma cemplitlux lanqas.

Ma kienux bl-istrike dakinhar ghax l-istrike kien bejn is- 26 ta' Novembru 2018 sal- 21 ta' Jannar 2019. Minn dakinhar marret id-dar tieghu u falla zewg appuntamenti u attenda iehor jigifieri minn Jannar l'hawn. Ikkonfermat li bejn is- 26 ta' Novembru u s- 27 ta' Jannar jista' jinghad li ma kinitx fil-kontroll taghha u lanqas tieghu. Meta ghamlet il-*house visit* u ma sabet lil hadd dik kienet ghal gharrieda. Wara s- 26) ta' Jannar kellu tlett (3) appunamenti. Kien attenda wiehed fil- 21 ta' Jannar meta dakinhar ma kienx hemm infermiera *available*. Ma attendiex tat- 30 ta' Jannar u tal- 4 ta' Frar attenda pero' kien mghaggel. Fi Frar fil- 15 ma attendiex. Tghid li hafna drabi hi tigri warajh u ccempillu ma tafx kemm-il darba. Pero' mill- 15 ta' Frar hi ma cemplitlux ghax stenniet minn naha tieghu.

Spjegat li ilha taghmel suggerimenti mis-sena 2013 u tghid li din mhijiex l-ewwel denunzja li saret. Tghid li Kurt gieli juri li jixtieq pero' mbaghad motivazzjoni ma tarax minn naha tieghu, thoss li kwazi kwazi tahli l-hin mieghu. Ikkonfermat li kkonstatat problema ta' *gamblin*g u tad-droga ghada *question mark*. Mistoqsija dwar programm residenzjali li jattendu filghaxija wiegbet li kienu ipprovaw u mar ftit sessions peress li raw li huwa *user* u gieli ammetta maghha li gieli uza kokaina u kannabis, il-problema principali hija tal-gambling. Spjegat li meta kien il-habs kienu ikkuntatjawh fl-ahhar ftit jiem li kien hemm li anke hu kien tkellem maghhom li ghandu din il-problema kbira. Qalet li jilghab eluf kbar ta' flus, dejjem pruvaw jitkellmu fuq il-fatt li hu jahdem, jahdem hinijiet twal pero ma ghandu xejn li hu tieghu. Tghid li din it-tieni darba li saret ir-referral imma hu ma jridx izomm kuntatt. Tghid li huma stess cemplulha u qalulha li se jkollhom jaghlqu l-file minn naha taghhom ghaliex mhux qed jaraw motivazzjoni minn naha tieghu. Meta iltaqghet mieghu wara Jannar iddiskutiet din il-kwistjoni ta' gambling mieghu u ammetta li tielef ghaxart'elef ewro (€10,000) u ammetta li ghandu problema, ippruvat anke tghidlu biex jaghmlu l-karta biex ma jkunx jista jidhol gewwa dawn l-istabbilimenti, irrifjuta, ma jixtieqx li jaghmilha. Tghid li bghattitu s-Sedqa ma jridx jaghmel ir-referral hu biex jara minn naha tieghu. Dan kien qabel Jannar. Wara s- 26 ta' Jannar jigifieri wara li spicca l-istrike kellha appuntament wiehed biss mieghu u iddiskutiet il-kwistjoni tal-gambling u ma thoss li huwa jara li ghandu daqshekk

problema. Meta tkun immedjata jigifieri jkun ghadu kif tilef ammont kbir ta' flus iva jaraha bhala problema pero' kif jghaddi z-zmien ma tahsibx li ghandu motivazzjoni biex jindirizzaha din il-problema. Hija kienet infurmata li fl-ahhar xahrejn kien diehel u hiereg l-isptar minhabba problemi ta' sahha pero' meta titolbu certifikat, ma jgibilix. Tghid li llum gab wiehed izda ma jkoprix iz-zmien meta kellu l-appuntament ghax jibda mit- 23 ta' Frar. Mistoqsija jekk jghidilha ghaliex jkun qieghed l-isptar wiegbet li jbaghti mill-kundizzjoni tal-asthma, malli tkun severa jkollu bzonn il-maskla u gieli jidhol l-isptar u ma tkunx l-unika raguni ghaliex ma jistax jigi, daqqa ghax ma tistax twasslu ommu, daqqa ghax kien xoghol. Fit-30 ta' Jannar ma attendiex, cempel, qal li kien xoghol mhux ghax kien l-isptar u fl-ahhar wiehed ma tafx ghala, ghax hu ma cempilx u hi ma cemplitx. Ikkonfermat li setgha kien l-isptar u ma nfurmahiex. In ri-ezami qalet li d-denunzja giet prezentata f'Dicembru 2017.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju, 2020[7] mill-avukat difensur tal-appellant fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-**artikolu 8 tal-kap 537** tal-ligijiet ta' Malta u talbet li tressaq xhieda in sostern ta' tali talba.

Rat illi Dr Schembri ghall-Avukat Generali oggezzjonat ghal din it-talba in vista tal-fatt li l-appellant diga inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu. Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr George Grech esebit mid-difisa in sostern tat-talba taghha.

Rat id-digiret ta' din l-Onorabbli Qorti moghti fl-ismijiet premessi nhar l-1 ta' Settembru, 2020 fejn fid-dawl ta' dak li intqal mill-ufficcjal tal-probabtion kif ukoll fid-dawl tal-fatt li meta l-appellant ikkommetta r-reati in kwistjoni li dwarhom gie denunzjat kien ghad ghandu sittax-il sena (16) kif ukoll in vista ta' dak li hemm imnizzel fic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr George Grech laqghet t-talba sabiex

[7] Fol. 30

tisma x-xhieda li d-difiza xtaqet tressaq in sostern tat-talba taghha u rriservat li tipprovdi dwar it-talba *ut sic* sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga wara li tisma ix-xhieda li ser jigu imharba biex jixhdu quddiemha.

Rat illi fis-seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2020 id-difiza iddikjarat li tixtieq tressaq bhala xhud lil Dr George Grech.

**Dr George Grech** jikkonferma li l-appellant mar ghandu xi tlett darbiet bil-problema tal-addiction, għandu problema komplessa ħafna għax għandu il-vizzju tat-tehid ta' droga u ta' *gambling.* Jghid li tah it-trattament u kkommetta ruħu li jmur councelling ukoll. Fil-fatt jistqarr li ivverifika dwar dan u jista jikkonferma li mar u għamel il-*first contact* u issa qed jistenna l-appuntament għax kien hemm *waiting list* twila.

Mistoqsi jekk il-problema li għandu hiex waħda novella jew ilha fuqu jghid li ilha xi ftit fuqu, xi snin. Spjega li f'dan il-kaz l-appellant beda bil-problema ta' abbuz ta' droga u wara qabad il-vizzju tal-loghob.

Ikkonferma li mill-ewwel darba li rah sat-tielet darba kien hemm tibdila kbira fl-appellant. Mistoqsi jekk hadlux xi urine samples jghid li iva u fil-fatt jikkonferma li kien għadu qed iħawwad naqra bil-ħaxixa, pero wiehed kellu jistenna tletin jum biex jkun cert li heles mis- sustanza mis-sitema tieghu. Jinforma l-Qorti ukoll li l-*partner* tiegħu kienet qed tistenna tarbija allura kellu ansejta kbira. Kien issugerixxa ukoll li jirrakomanda li imorru ghal *couple therapy.*

Mistoqsi jekk kienx qed jabbuza minn sustanzi ohra jghid li le u fil-fehma tieghu jidher li d-droga jużaha mhux tant bħala dipendenza imma rejazzjoni tas-sitwazzjoni li qiegħed fiha. Qabel kien juzaha b'mod regolari u llum qiegħed aħjar. Jghid li kien rah ghall-ewwel darba xi 6 ġimgħat qabel. Għandu amment ukoll li kien rah xi sena qabel ukoll bħala pazjent fil-community services.

Jaf ukoll li qabel kien jghamel uzu mid-droga kokajina wkoll izda fl-ahhar test tal-awrina li hadlu din id-droga ma mmarkatx. Jikkonkludi li s-sitwazzjoni hija komplessa. Tant li il-vizzju tad-droga u dik tal-loghob hija l-istess marda.

Illi fil-15 ta' Settembru, 2020 l-Qorti innominat lil Dr Roberta Holland bhala Forensic Psychologist biex taghmel assessment tal-appellant u tirrelata dwar id-depindenza o meno li kellu jew li ghad ghandu. L-espert giet ukoll mitluba tindirizza z-zmien tal-akkuzi inkwistjoni u cioe s-sena 2013 fil-gudizzju taghha kif ukoll iz-zmien sussegwenti meta giet intavolata d-denunzja relattiva.

Illi fit-13 t'Ottubru, 2020 xehdet **Dr. Roberta Holland** u pprezentat ir-relazzjoni taghha maghmula ai fini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, liema relazzjoni giet markata bhala dok RH. Spjegat li l-appellant kellu dipendenza mid-drogi cannabis u kokajina minn meta kien għadu żgħir jiġifieri kien għad kellu madwar 14 il-sena meta beda jabbuża mill-kannabis, xi sena wara beda bil-kokajina u filfatt sa sena wara kien anke beda ibiddel il-metodu ta' kif kien qed jiehu d-droga, jiġifieri kien qiegħed ipejjep il-kokajina bil-pipa jiġifieri bħala dipendenza kien kważi naturali li kienet ser tiżdied. Hemm storja li tindika li huwa kien dipendenti, kien għamel sena ħabs jew kellu sena ħabs meta kien għad kellu biss sbatax-il sena. Jider illi bħala diffikulta apparti d-droga u d-dipenedenza mid-droga, kien hemm ukoll daqsxejn problema ta' attitudni u filfatt kien gie denunzjat fil-passat. Kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni meta kien iżgħar. Qisu dan l-aħħar kien qed jagħmel kambjament u kien hemm progress pero' m'ilux daqshekk ħafna. Tghid li meta invistatu l-appellant kien ghadu jghamel uzu mill-kannabis pero ma kienx regolari, zgur li ma kienx kompletament astinenti. Mill-kokajina jidher li kien iżjed wieqaf ghal dawn l-ahhar erba' xhur.

Bħala progress thoss li gie registrat xi ftit. Kien għamel żmien li telaq mid-dar, mar joqogħod mat-tfajla tiegħu u hemm hekk tidher daqsxejn l-imġieba daqsxejn

impulsiva tiegħu, jiġifieri ltaqa' ma xi ħadd, mar joqgħod magħha wara ġimgħa, issa qegħdha tistenna tarbija u għandha xi ħames xhur tqala, pero' fl-istess ħin dawn l-affarjiet qegħdin iġgħalmuh daqsxejn jirrejalizza u forsi jdaħħal ftit sens li għandu bżonn jirranġa hajtu u filfatt jiġifieri jidher li kien hemm progress f'dawn l-aħħar tlett xhur.

Kien għamel kuntatt mat-tabib Ġorġ Grech. Ir-rekord ta' dipendenza hija dokumentata jiġifieri m'hemmx dubju dwarha. Li għamel progress ukoll mhemmx dubbju, s'issa sejjer tajjeb. L-unika ħaġa li tinkwetha hi li ghandu problema ta' imġieba, ta' attitudni jiġifieri jkollu bżonn trattament, għandu bżonn sapport, b'dan trid tfisser illi għandu bżonn xi tip ta' ntervent bħal xi terapija anke minħabba *anger management*. Tghid li ghamlet kuntatt mas- Sedqa u kkonfermat li verament l-appellant għamel kuntatt magħhom u qalulha li qiegħed fuq il-*waiting list* tagħhom biex jibgħatu għalih u jibdew joħdulu l-urines. Ghalhekk dan juri ukoll li l-appellant għamel pass minn naħa tiegħu u jidher li qiegħed jipprova jikkopera daqsxejn iżjed, pero' hemm bżonn ta' sorveljanza anke bħala testijiet biex jikkonfermaw li mhux qed jieħu droga, u sapport anke fuq aspett psikoloġiku għaliex dik hija daqsxejn ta' diffikulta li għandu jiġifieri.

Mistoqsi tispjega xi tip ta' dipendenza kellha fis-sens jekk kienitx severa jew le tghid li d-dipendenza kienet severa jiġifieri kienet gravi. Meta kien gie ammess il-ħabs u kien jinsab taht il-kura ta' probation officer kien jimminimizza maghha dwar l-abbuz tieghu u fil-fatt fir-rapporti tagħhom gie indikat li kien jabbuza mid-droga kokajina okkazjonalment pero ħajtu turik mod iehor. Tghid li kellu livell sever għaliex kien hemm numru ta' kriterji li huwa filfatt immarka fihom. Ħajtu tidher jiġifieri anke bħala pattern ta' xogħol, ma kienx hemm pattern regolari jew konsistenti, diffikultajiet li kien jkollu ma tal-familja, kif qed tgħid imġieba impulsiva, jjiġifieri jidher illi bħala livell ikun sever biżejjed illi qiegħed jaffettwalu sferi oħra u aspetti oħra minn ħajtu.

Illum il-ġurnata għadu b'dik l-istess attitudni jaf li għandu problema u jrid isolviha. Kien jiehu cannabis kuljum u kokajina kul tant xi tlett darbiet fil-gimgha. Il-pattern kien wiehed indikattiv ta' bniedem li kellu problema severa u dan ghaliex meta ma kienx ikollu flus ma kienx jixtri izda meta kien ikollu flus u jixtri id-droga  ma jieqafx qabel jispiċċah. Apparti din il-problema ta' abbuz ta' droga kellu problema ohra dik tal-loghob. Qalet li l-ahhar *urine tests* li ta taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

Tispjega li meta l-appellant kien il-habs u dan meta kellu sbatax-il (16) sena kellu ħafna rapporti mal-ufficcjali tal-habs tanti li kien spiċċa division 6 bħala kastig darba minnhom li hija pjuttost gravi għal xi ħadd li jkun qiegħed il-Y.O.R.S. jiġifieri hu stess jaf li huwa mpulsiv u jaf ukoll li għandu bżonn ta' kura rigward *anger management*.

Illum qed jara l-affarjiet differenti peress li issa qiegħed jikber u meta kien iżgħar kienet xi ħaġa li ma kienx jagħti kasa.  Issa qed jinduna li l-kondotta huwa ċertifikat u dokument importanti ħafna fil-ħajja ta' dak li jkun, jiġifieri qiegħed qisu jinkwieta tant li staqsiha domandi dwar l-kondotta u x'riflessjoni ghandha fuq il-konsegwenzi ta' għemilu.

Mistoqsija dwar ir-rijabilizazzjoni tal-appellant u cioe jekk hemmx raġunijiet oġġettivi li jindikaw illi x'aktarx jekk jibqa' sejjer hekk ser jibbenefika minn trattament a favur ir-rijabilitazzjoni tiegħu wiegbet fl-affermattiv  Dan qed tghidu ghaliex gja hemm indikazzjonijiet illi  għamel progress. Rat biddla fl-attitudni tieghu u dan jindika  progress u biddla fl-imġieba wkoll pero ghad baqghalu fejn jaħdem. Jidher illi qiegħed f'pożizzjoni li jixtieq jikkopera, pero min ikun qed jaħdem miegħu irid jkollu ftit paċenzja u jurih li qed jipprova jgħinu,  għaliex anke l-attitudni li kellu lejn il-probation officer per eżempju kienet daqsxejn negattiva allura din kienet xi

ħaġa oħra li ddiskutew bejniethom biex jifhem u japprezza illi l-probation officer kienet qed tagħmel xogħolha u jekk ċemplitlu u ma rrispondihiex għaliha dan ifisser -lli mhux qiegħed isegwi l-ordni tal-probation order u din tkun raġuni għalfejn issir id-denunzja

Dr Holland tinsisti li l-appellant diġa' għamel sforz, u huwa kapaċi jirrabilita' ruħu għaliex għandu ntelliġenza biżżejjed. Huwa bniedem artikolat u għandu *insight* u għandu livell ta' raġunar tajjeb, jiġifieri jaf fejn għandu jmur, għandu potenzjal biex jirrabilita ruħu purche ikollu l-ghajnuna. Spjegat li bil-kelma ghajnuna trid tfisser li jkollu sorveljanza bħal per eżempju probation offcier biex tara li jkun qed jimxi sew, ħa jkollu bżonn ukoll ta' ntervent minn aspett psikoloġiku per eżempju fuq livell ta' terapija.

Spjegat li ghandu bzonn aktar dixxipplina, biex ikun kapaci jindirizza l-attitudni tiegħu u jindirizza problemi oħrajn illi għandu bħal daqsxejn ta' rabja, biex jirregola ahjar l-emozzjonijiet tiegħu, biex jindirizza l-impulsivita' li għadha tidher sa dan l-aħħar.

Dwar il-waiting list tas-Sedqa ma tafx kemm hi twila u kemm ghandu jistenna qabel ma jibghatu ghalih. Li hu zgur li ċemplitilhom u aċċertawlha li qiegħed fuq il-*waiting list*, fil-fatt diġa' għandu *key worker assigned*, u dan ifisser li mexa pass 'l quddiem. Tghid li hija cemplitilhom biex tara jekk jistax imur is-Sedqa u jghati kampjun tal-awrina pero' s-sistema tagħhom hija li ma tistax taqbad u tmur sempliċiment kemm tagħti sample u daqshekk. Huma jaċċertaw ruħhom li qegħdin isegwu lil dak li jkun u fil-fatt imbagħad jibdew minn hemm, allura l-proċess jibda' b'mod holisitiku jiġifieri kemm jagħmlu sorveljanza u kemm jiffolowjawh għat-terrrapija.

Semgħet lill-partijeti jittrattaw dinh it-talba ghal konversjoni u filwaqt li id-difiza sostniet li irnexxilha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-appellant kellu dipendenza fuq id-droga fiz-zmienmeta sehhew ir-reati li gie denunzjat dwrhom u li hemm motivazzjoni sabiex jirrabilita ruhu, l-Avuakt Generali oggezzjona ghal tali talba u dan ghaliex stqarr li l-appellant gja inghata diversi opportunitajiet sabiex jindirizza ruhu izda cio nonnostante baqa' inadmepjenti.

Ikkunsidrat.

L-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijeit ta' Malta huwa intiz inter alia sabiex min ikun tossiku dependenti jkun jista jsib struttura legali u fattwali li tghinu iqum fuq saqajgh proprju minhabba il-qafas legislattiv introdott b'Att 1 tas-sena 2015 kif sussegwentemetn emendata li jiffoka fuq l-aspett rijabilitattiv aktar minn dak retributtiv.

L-**artikolu 8** ta' l-istess ligi jipprovdi s-segwenti:-

8. (1) "*Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijietli għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduriquddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat ligħalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kullxhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*"

Il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti ghal finijiet tas-sub artikolu (1) huma li gejjin:-

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija husostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija majikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'attkriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienetfil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jewsplussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persunaakkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjalisabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Ghalhekk minn qari ta' dan l-artikolu wiehed ghandu jintebah li hemm zewg kategoriji ta' reati li jkunu jistghu jikkwalifikaw ghal din il-procedura specjali. Dawk ir-reati konnessi taht il-ligi li tirregola id-droga u fit-tieni lok dawk ir-reati li jridu jkunu tali ma ma jkunux igorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija.

Fir-rigward ta' l-ewwel istanza ir-reati kommessi taht il-ligi li tirregola id-droga jistghu jigu meqjusa taht dan l-artikolu 8 diment li l-kwantita ta' droga projbita irrispettivament minn natura tar-reat, jew mit-tip jew kwalita tad-droga jew mill-purita ta' dik id-droga ma jkunx ritenibbli li jaqghu taht il-gurisdizzjoni Kriminal billi dik il-kwantita ma tklunx taqbez il-kaz ta':

| | |
|---|---|
| i. Cannabis ( qanneb indjan) | 300 grammi; |
| ii.Erojina u Kokajina | 100 gramma; |
| iii. Ectasy | inqas minn 300 pillola |
| iv.LSD | inqas minn 300 |

v. Kwadruamfetamina inqas minn 300 gramma

vi. Ketamina inqas minn 150 gramma

Fir-rigward tat-tieni klassifika ta' reati, ir-reati jridu ikunu tali li ma jkunux igorru piena ta' mhux iktar minn seba' snin prigunerija. Hawnhekk l-artikolu 8 ma jghamilx distinzjoni bejn in-natura tar-reati li jkunu saru bi ksur tal-Ligijiet dwar id-droga. Jigifieri il-ligi tirreferi ghal dawk ir-reati l-ohra cioe li ma jkunux reti li jaqghu taht il-ligijiet tad Droga u li ma jkunux igorru oeina ta mhux aktar minn seba' snin prigunerija.

Minkejja dan fiz-zewg istanzi, l-artikolu 8 jesigi ukoll kif gja rilevat li:-

a. Il-kundizzjonijiet imsemmija fis sub artikolu (2) tieghu jridu jkunu gew sodisfatti u
b. Il-Qorti tista wara li tisma s-sottomissjonijeit maghmula f'isem il-pesuna akkuzata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma kul xhud li l-Qorti tqis bhala necessarju li jinstema tqis li l-kaz jkun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga.

Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-Artikolu 8 huwa s-segwenti:-

(a) *li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kullliġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija husostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvatafuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jewsplussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.*

Fil-kaz prezenti tapplika it-tieni klassifika ta' reati ossia r-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux igorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija bhal ma hu l-kaz odjern fejn si tratta ta' denunzja fejn il-piena ma teccedix is-seba snin prigunerija.

Jirrizulta mix-xhieda mismugha u cioe mill-probation officer Rona Custo, li xehdet diversi drabi u qalet li ilha issegwi lill-appellant minn mindu kellu tlettax-il sena u dan dejjem in konnessjoni ma abbuz ta' droga. Xehed ukoll Dr George Grech li kkonferma li d-dependenza ta' droga li ghandu l-appellant hija wahda severa u li fil-fatt mess zewg tipi ta' droga dik ta' Cannabis u dik tal-Kokaina. Fil-fatt Dr Grech jghid ukoll li din il-problema ta' abbuz hija mizzewga ma problema daqstant serja u cioe dik ta' loghob tal-azzard u hemm bzonn li l-ewwel l-appellant ifieq mill-problema ta' abbuz biex jkun jista' jindirizza l-problema l-ohra daqstant akuta.

Il-Qorti nnominat ukoll lil Dr Roberta Holland clinical psychologist sabiex tezamina lill-appellant u tirrelata dwar il-qada tieghu fir-rigward tal-problema ta' dipendenza. Fil-fatt fir-relazzjoni taghha markata bhala dok RH hija tiddiskrivi id-dependenza akuta tal-appellant li bdiet meta kellu biss sittax-il sena, tant li waslitu l-habs division 6 meta kien ghad kellu sbatax-il sena. Ghalhekk dwar l-kwisjtoni ta' dependenza ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Dwar ir-rekwizit l-iehor imsemmi fis sub inciz markat bl-ittra ' c' u cioe li "*hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-*

*droga"* din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li instemghet. Jirrizulta mix-xhieda prodotta li l-appellant qed jipprova jindirizza din il-problema tant li ghamel kuntatt mas Sedqa u li kien qieghed fuq il-waiting list. Jirrizulta li mit-testijiet mehuda minn Dr George Grech tal-awrina tal-appellant ma kienx hemm tracci tad-droga Kokajina minkejja id-dipendenza li kellu (fejn jiehu tlett darbiet fil-gimgha fil-passat) izda kien hemm tracci tad-droga Cannabis (li kien jiehu ta' kuljum), pero stqar li wiehed kellu jistenna tlettin jum sakemm tali tracci johorgu mis-sistema.

Kemm Dr Grech kif ukoll Dr Holland stqarrew li l-appellant ghandu l-kapacita jindirizza din il-problema ta' abbuz u in oltre li kien qed jghamel l-almu tieghu biex jindirrizzaha. Jidher minn dak li stqarret Dr Holland li l-appellant wera interess li ibiddel hajtu tant li anke beda isaqsiha domadni dwr il-fedina penali tieghu u kif din ser tirrrifletti fuq hajtu. Dr Grech u Dr Holand it-tnejn jissugerixxi li l-appellant ghandu jinghata kul ghajnuna possibli u support biex jinghata ghajnuna biex jgheleb dan il-vizzju.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur li baqa' joggezzjoni w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk hija tal-fehma li ghandha toħroġ digriet li permezz tiegħu il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tkun tista' tipprocedi sabiex tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

Il-Qorti ghalhekk qeda tiddiferixxi l-kawza sine die u appuntabbli meta ricievi r-rapport minghand il- Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. F'kaz li tircievi xi komunika minghand dan il-Bord li l-appellant ma hemmx aktar raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga din il-Qorti tkun lesta li tappunta din il-kawza minnufih sabiex l-appell tieghu fuq il-mertu jigi trattat.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef